

Brussell, 12 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8785/25  
ADD 1

ENV 317  
ENT 64  
COMPET 350  
IND 136  
SAN 205  
CONSOM 80  
MI 294  
CHIMIE 28  
DELECT 55

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 5 ta' Mejju 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: C(2025) 2566 final - Annex

---

Suġġett: ANNESS  
tar-  
REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...  
li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidu perfluworottanojku (PFOA), l-imlieġ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 2566 final - Annex.

---

Mehmuż: C(2025) 2566 final - Annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.5.2025  
C(2025) 2566 final

ANNEX

**ANNEX**

**tar-**

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidu perfluworottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA**

## ANNEX

Fl-Anness I, il-Parti A, it-tabella, l-entrata “Aċidu perfluworoottanju (PFOA), l-imlieh tiegħu u komposti relatati mal-PFOA”, l-ewwel kolonna, il-punt (v) “aċidu sulfoniku tal-perfluworottan u d-derivattivi tiegħu (PFOS), kif elenkati f’dan l-Anness” hija sostitwita b’“aċidu perfluworottansulfoniku (PFOS), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOS kif elenkati f’dan l-Anness.”.

Fl-Anness I, il-Parti A, it-tabella, l-entrata “Aċidu perfluworoottanju (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA”, ir-raba’ kolonna hija emendata kif ġej:

(1) fil-punt 3, titħassar it-tieni sentenza;

(2) jiddaħħlu l-punti 4a u 4b li ġejjin:

“4a. Għall-finijiet ta’ din l-entrata, l-Artikolu 4(1), il-punt (b), għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-PFOA jew għal kwalunkwe wieħed mill-imlieh tiegħu daqs jew inqas minn 1 mg/kg (0,0001 % skont il-piż) u għall-konċentrazzjonijiet ta’ kwalunkwe kompost relatat mal-PFOA individwali jew kombinament ta’ komposti relatati mal-PFOA daqs jew inqas minn 10 mg/kg (0,001 % skont il-piż) meta jkunu preżenti fil-fowm tat-tifi tan-nar li jintuża biex irażżan il-fwar tal-fjuwils likwidi u n-nirien tal-fjuwils likwidi (nirien tal-Klassi B) u li huwa diġà installat fis-sistemi. Dan il-valur ta’ limitu għandu japplika sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: *jekk jogħġobkom daħħlu d-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament*].

4b. Għall-finijiet ta’ din l-entrata, l-Artikolu 4(1), il-punt (b), għandu japplika għas-somma tal-konċentrazzjoni tal-PFOA, tal-imlieh tiegħu u tal-komposti relatati mal-PFOA daqs jew inqas minn 10 mg/kg (0,001 % skont il-piż) meta jkunu preżenti fil-fowm tat-tifi tan-nar mingħajr fluworu u joriġinaw minn tagħmir tat-tifi tan-nar li jkun għadda minn tindif f’konformità mal-aħjar tekniki disponibbli.

(3) fl-Artikolu 6, id-data “4 ta’ Lulju 2025” hija sostitwita bid-data “3 ta’ Diċembru 2025”;

(4) fl-aħħar tal-punt 6, tizzied is-sentenza li ġejja: ““fowm tat-tifi tan-nar” tfisser kwalunkwe taħlita għat-tifi tan-nirien bil-fowm u tinkludi iżda mhijiex limitata għall-konċentrati tal-fowm tat-tifi tan-nar u s-soluzzjonijiet tal-fowm tat-tifi tan-nar għall-produzzjoni tal-fowm”;

(5) fil-punt 10, titħassar it-tieni sentenza;

(6) jizzied il-punt 11 li ġej:

“11. L-oġġetti li jkun fihom il-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA li diġà jkunu qed jintużaw fl-Unjoni qabel jew fid-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni rilevanti stabbilita fil-punti 5(a) sa (d) jistgħu jibqgħu jintużaw”.